**Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 30 ta' Jannar 2026**
**(OR. en)**

**5750/26**
**ADD 1**

**FIN 138**
**PE-L 4**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Kumitat tal-Baġit |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-korpi stabbiliti skont it-TFUE u t-Trattat Euratom fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024 |

- *Adozzjoni*
- *Approvazzjoni ta' ittra*


ANNESS 1: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) ..... 4

ANNESS 2: Aġenzija għall-Appoġġ tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Uffiċċju tal-BEREC) ..... 7

ANNESS 3: Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) ..... 10

ANNESS 4: Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) ..... 13

ANNESS 5: Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) ..... 16

ANNESS 6: Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) ..... 18

ANNESS 7: Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) ..... 20

ANNESS 8: Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) ..... 23

ANNESS 9: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) ..... 25

ANNESS 10: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) ..... 28

ANNESS 11: Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) ..... 31

ANNESS 12: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) ..... 34

ANNESS 13: Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) ..... 37

ANNESS 14: Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) ..... 40

ANNESS 15: Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) ..... 43

ANNESS 16: Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) ..... 45

ANNESS 17: Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) ..... 48

ANNESS 18: Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) ..... 51

ANNESS 19: Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) ..... 54

ANNESS 20: Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) ..... 57

ANNESS 21: Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) ..... 60

ANNESS 22: Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) ..... 63

ANNESS 23: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) ..... 66

ANNESS 24: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) ..... 69

ANNESS 25: Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) ..... 72

ANNESS 26: Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) .... 75

ANNESS 27: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) .... 78

ANNESS 28: Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) .... 80

ANNESS 29: Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) .... 83

ANNESS 30: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) .... 86

ANNESS 31: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) .... 89

ANNESS 32: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) .... 92

ANNESS 33: Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (ESA) .... 95

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur**

**tal-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**

**tal-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija**

**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (riformulazzjoni)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 35(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

[1] ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/942/oj.
[2] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[1],

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

[1] ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

**KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW**
**L-ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA**
**LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-KOOPERAZZJONI TAR-REGOLATURI TAL-ENERĠIJA (ACER)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jiddispjaċih dwar il-ksur tar-regoli tar-Regolament Finanzjarju għall-proċeduri ta' akkwist, kemm jekk jikkonċerna l-evalwazzjoni, l-għoti jew l-implimentazzjoni ta' kuntratti, u jappella lill-Aġenzija biex tirrimedja billi tirrieżamina l-proċeduri, tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u timminimizza l-esponiment għal riskji legali.

Fir-rigward tal-ġestjoni baġitarja, il-Kunsill jieħu nota tar-rati għoljin rikorrenti ta' riporti, li rriżultaw f'28 % tal-approprjazzjonijiet mhux differenzjati riportati għall-2025. Filwaqt li jirrikonoxxi l-ġustifikazzjoni tal-Aġenzija biex tkopri l-obbligi kuntrattwali għall-2024, il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-konformità mal-prinċipju tal-annwalità u jistieden lill-Aġenzija tippjana aħjar, sabiex tiggarantixxi ġestjoni finanzjarja u baġitarja tajba.

ANNESS 2

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur**

**tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (l-Uffiċċju BEREC)**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**

**tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (l-Uffiċċju BEREC)**

**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC)[1], li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju BEREC), minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

---

1 ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1971/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW
L-ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA
LILL-AĠENZIJA GĦALL-APPOĠĠ TAL-KORP TA' REGOLATURI EWROPEJ TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI (l-UFFIĊĊJU BEREC)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjoni li saret mill-Qorti rigward in-nuqqas ta' kriterji tal-għażla fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta u jirrikonoxxi l-ispjegazzjoni tal-Aġenzija u l-impenn tagħha li tipprevjeni sitwazzjonijiet bħal dawn fil-futur.

Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-evalwazzjoni tagħha ta' ħames snin li għadha pendenti, li hija maħsuba biex tindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġu modifikati l-istruttura u l-mandat tal-Aġenzija, kif ukoll l-implikazzjonijiet finanzjarji relatati.

ANNESS 3

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**
**tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea**
**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**
**tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea**
**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 121(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjati mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

[1] ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj.
[2] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
[3] ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA
L-ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA
LILL-AĠENZIJA TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA (EASA)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jinnota okkorrenza ta' pagament irregolari waħda taħt kuntratt qafas għas-servizzi tal-IT u jirrikonoxxi l-azzjoni korrettiva meħuda mill-Kummissjoni u l-Aġenzija.

ANNESS 4

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**

**tal-Awtorità Bankarja Ewropea**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**

**tal-Awtorità Bankarja Ewropea**

**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 64(9) tagħha,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Awtorità Bankarja Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Awtorità", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Awtorità għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

[1] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj.
[2] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
[3] ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA**
**R-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA**
**LILL-AWTORITÀ BANKARJA EWROPEA (EBA)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Awtorità jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Awtorità, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jieħu nota tar-riallokazzjoni tar-riżorsi eżistenti biex ikopru kompiti ġodda u l-ħolqien ta' karigi ġodda relatati mal-bidu tal-implimentazzjoni tal-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali u r-Regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi u jistieden lill-Awtorità ttejjeb il-monitoraġġ tal-finanzjament tal-industrija u l-ġestjoni tar-riżorsi.

ANNESS 5

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**
**tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**
**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**
**tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**
**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 97(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

1 ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 ma jeħtieġu l-ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

**ANNESS 6**

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 64(9) tagħha,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Awtorità", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Awtorità għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

---

1 ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1094/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 ma jeħtieġu l-ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

ANNESS 7

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur**
**tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija**
**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**
**tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija**
**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2021/819 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (riformulazzjoni)[1],

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"Istitut", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjata mit-tweġibiet tal-Istitut għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

---

1 ĠU L 189, 28.5.2021, p. 61, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/819/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Istitut fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW**
**IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA**
**LILL-ISTITUT EWROPEW TAL-INNOVAZZJONI U T-TEKNOLOĠIJA (EIT)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Istitut jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi ta' flus kontanti tiegħu u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Istitut, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jinnota r-riskji finanzjarji assoċjati mal-pagamenti ta' prefinanzjament, li jirrappreżentaw 92.9 % tal-pagamenti totali eżegwiti fl-2024 u ammont ta' EUR 412 miljun, u, għalhekk, jappella lill-Istitut biex jissorvelja mill-qrib l-approvazzjonijiet u jiżgura li l-bidliet fl-istruttura tal-ftehimiet ta' għotja ma jġibu l-ebda preġudizzju għal ġestjoni finanzjarja tajba.

Il-Kunsill jistieden lill-Istitut biex itejjeb il-kontrolli interni għall-implimentazzjoni konformi tal-kuntratti qafas, b'mod partikolari dawk relatati mas-servizzi tal-ivvjaġġar.

Il-Kunsill jappella lill-Istitut biex itejjeb il-ġestjoni baġitarja tiegħu biex jiżgura konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju. Meta jsir dan, għandha tingħata attenzjoni partikolari għar-riporti tal-approprjazzjonijiet, għat-tfassil u l-pubblikazzjoni tal-kontijiet, kif ukoll għall-kontabbiltà tad-dħul. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Istitut li jirrevedi l-istruttura baġitarja tiegħu biex jiġu evitati okkorrenzi bħal dawn fil-futur.

ANNESS 8

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**
**tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima**
**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**
**tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima**
**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjati mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

1 ĠU L 208, 5. 8. 2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/1406/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 ma jeħtieġu l-ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 526/2013[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 31(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

---

1 ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/881/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENTI LI JAKKUMPANJA**
**R-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA**
**LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAĊ-ĊIBERSIGURTÀ (ENISA)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti relatata man-nuqqas ta' linji gwida jew kontrolli *ex ante* għall-organizzazzjoni ta' konferenzi mill-Aġenzija, li rriżultaw f'rati medji ta' lukandi mħallsa lil hinn mil-limiti massimi applikabbli għall-persunal tal-UE u f'tariffi għoljin ta' kanċellazzjoni. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-impenn tal-Aġenzija li tieħu l-passi meħtieġa biex tindirizza din il-kwistjoni speċifika u jappella lill-Aġenzija biex tirrieżamina u ssaħħaħ is-sistemi ta' kontroll tagħha.

Fir-rigward tal-ġestjoni baġitarja, il-Kunsill jieħu nota tar-riporti rikorrenti, li rriżultaw f'16.9 % tal-approprjazzjonijiet mhux differenzjati tas-sena riportati għall-2025 u jfakkar fl-importanza tal-konformità mal-prinċipju tal-annwalità.

Il-Kunsill jinnota l-prattika rikorrenti li jsiru pagamenti lil hinn mill-iskadenza legali u jistieden lill-Aġenzija biex tirrimedja u ttejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha.

Bħala kwistjoni ta' segwitu, il-Kunsill jiddispjaċih dwar id-deroga persistenti għar-regoli, li skontha l-Aġenzija tkompli tippermetti lill-persunal interim jassumi rwoli fiċ-ċirkwit finanzjarju, mingħajr kunsens minn qabel tal-Kummissjoni, kif ukoll it-trikkib tar-responsabbiltajiet ta' uffiċjali differenti involuti fil-kontrolli interni. Il-Kunsill itenni r-rakkomandazzjoni tiegħu biex l-Aġenzija tagħmel użu effiċjenti mir-riżorsi disponibbli, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, u bir-rispett dovut għall-prinċipji tas-segregazzjoni tad-dmirijiet u n-nuqqas ta' kunflitt ta' interess.

---

ANNESS 10

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**

**tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**

**tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji**

**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 65(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjati mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

---

1 ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/796/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA**
**R-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA**
**LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-FERROVIJI (ERA)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar dokumentazzjoni u fatturazzjoni dgħajfa, b'implikazzjonijiet finanzjarji, jirrikonoxxi l-impenn tal-Aġenzija li tirrimedja u jistieden lill-Aġenzija ssaħħaħ is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tagħha.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**

**tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**

**tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq**

**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 64(9) tagħha,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Awtorità", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Awtorità għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

1 ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness ma' din ir-Rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## KUMMENT LI JAKKUMPANJA R-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA LILL-AWTORITÀ EWROPEA TAT-TITOLI U S-SWIEQ (ESMA)

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Awtorità jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Awtorità, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jirrikonoxxi l-kontrolli interni li wasslu għar-reġistrazzjoni ta' derogi mir-regoli tal-ġestjoni tal-kuntratti tar-Regolament Finanzjarju, madankollu, jistieden lill-Awtorità biex tagħti d-diliġenza dovuta għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, billi tiżgura l-iffirmar tal-impenji legali qabel il-bidu tal-implimentazzjoni tal-kuntratti.

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 86 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

---

[1] ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj.
[2] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
[3] ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA R-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMM SPAZJALI (EUSPA)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jinnota r-rati għoljin rikorrenti ta' riporti, li rriżultaw f'22.3 % tal-approprjazzjonijiet mhux differenzjati tas-sena, b'70.6 % taħt it-Titolu II, riportati għall-2025. Filwaqt li jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Aġenzija, il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-konformità mal-prinċipju tal-annwalità u jappella lill-Aġenzija tieħu azzjoni ta' rimedju biex tipprevjeni li jseħħu aktar każijiet bħal dawn u biex tiggarantixxi implimentazzjoni tajba tal-baġit.

**ANNESS 13**

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**

**taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**

**taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali**

**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ iċ-"Ċentru", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjati mit-tweġibiet taċ-Ċentru għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

---

1 ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/128/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv taċ-Ċentru fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA**
**L-ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA**
**LIĊ-ĊENTRU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP TA' TAĦRIĠ VOKAZZJONALI (CEDEFOP)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali taċ-Ċentru jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jinnota l-prattika rikorrenti li jsiru pagamenti lil hinn mill-iskadenza legali u jistieden liċ-Ċentru biex jirrimedja u jtejjeb il-ġestjoni baġitarja tiegħu.

ANNESS 14

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur**

**taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**

**taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard**

**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 23(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ iċ-"Ċentru", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjati mit-tweġibiet taċ-Ċentru għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

1 ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/851/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA LIĊ-ĊENTRU EWROPEW GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-MARD (ECDC)

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali taċ-Ċentru jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jinnota n-nuqqasijiet fl-evalwazzjoni tal-offerti, jilqa' t-tweġiba taċ-Ċentru u jistiednu jsaħħaħ is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tiegħu biex jiżgura konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju.

Fir-rigward tal-ġestjoni baġitarja, il-Kunsill jieħu nota tar-rati rikorrenti ta' riporti, li rriżultaw f'24.7 % tal-approprjazzjonijiet mhux differenzjati tas-sena, fi 23 % taħt it-Titolu II u fi 52.3 % taħt it-Titolu III, riportati għall-2025. Filwaqt li jirrikonoxxi t-tweġiba taċ-Ċentru, il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-konformità mal-prinċipju tal-annwalità, u jistieden liċ-Ċentru jieħu azzjoni ta' rimedju sabiex jipprevjeni li jseħħu aktar każijiet bħal dawn u biex jiggarantixxi implimentazzjoni tajba tal-baġit.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**

**tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**

**tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel**

**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 44(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Awtorità", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjati mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

---

1 ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/178/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 ma jeħtieġu l-ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

ANNESS 16

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"Istitut", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjata mit-tweġibiet tal-Istitut għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

---

1 ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1922/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Istitut fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA LILL-ISTITUT EWROPEW GĦALL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI (EIGE)

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Istitut jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Istitut, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar il-proċeduri ta' akkwist u l-prattiki ta' ġestjoni finanzjarja tal-Istitut, inkluż tħassib relatat ma' rekwiżiti eċċessivi ta' kapaċità finanzjarja, ma' livell għoli ta' kwalifiki tal-persunal mitluba, li setgħu skoraġġew offerenti potenzjali, kif ukoll dgħufijiet fl-evalwazzjoni. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istitut jirrevedi l-prattiki tiegħu biex jiżgura konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju, u jistabbilixxi rekwiżiti proporzjonati għas-servizzi fit-termini ta' referenza tal-proċeduri ta' akkwist tiegħu.

Fir-rigward tal-ġestjoni baġitarja, il-Kunsill jinnota r-rati għoljin rikorrenti ta' riporti, li rriżultaw fi 18 % tal-approprjazzjonijiet mhux differenzjati tas-sena, b'50.2 % taħt it-Titolu III, riportati għall-2025. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza ta' konformità mal-prinċipju tal-annwalità u jistieden lill-Istitut jieħu azzjoni ta' rimedju sabiex jipprevjeni li jerġgħu jseħħu każijiet bħal dawn u biex jiggarantixxi implimentazzjoni għaqlija tal-baġit.

<u>**ANNESS 17**</u>

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**

**tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**

**tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol**

**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 28(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kont tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Awtorità", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Awtorità għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

---

[1] ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1149/oj.
[2] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
[3] ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA LILL-AWTORITÀ EWROPEA TAX-XOGĦOL (ELA)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Awtorità jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Awtorità, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jiddispjaċih dwar l-opinjoni kwalifikata tal-Qorti dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti, li rriżultaw minn proċedura waħda ta' akkwist, kif ukoll minn ksur fil-kontrolli *ex ante* matul l-implimentazzjoni tal-kuntratti. Filwaqt li jirrikonoxxi t-tweġibiet tal-Awtorità u t-tmiem tal-kuntratt ivvalutat bħala irregolari, il-Kunsill jappella lill-Awtorità biex tirrimedja u tirrevedi l-kontroll intern biex tiżgura l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, f'konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kunsill jieħu nota tal-eżekuzzjoni tal-ħlas tal-Awtorità lil hinn mill-iskadenza legali u jistieden lill-Awtorità biex tieħu azzjonijiet korrettivi adatti.

Il-Kunsill jappella lill-Awtorità biex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha biex tiżgura konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju. Meta jsir dan, għandha tingħata attenzjoni partikolari għat-tfassil tal-kontijiet u għall-kontabbiltà tad-dħul.

Fl-aħħar nett, il-Kunsill jieħu nota tal-proporzjon għoli ta' ħaddiema temporanji u esperti nazzjonali sekondati, kif ukoll il-prattika li din il-kategorija ta' persunal tiġi assenjata attivitajiet finanzjarji ewlenin. Għalhekk, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta, flimkien mal-Awtorità, it-tabella tal-persunal u tfittex soluzzjonijiet lejn l-armonizzazzjoni mal-Aġenziji l-oħra tal-UE.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**

**tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**

**tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini**

**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 68(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjati mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

1 ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/726/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA LILL-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-MEDIĊINI (EMA)

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill għadu mħasseb ħafna dwar is-sullokazzjoni tal-bini preċedenti tal-Aġenzija f'Londra, u l-kapaċità tal-Aġenzija li tiżgura l-obbligi tagħha relatati mal-proprjetà, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna s-solvenza tal-kerrej attwali. Filwaqt li jirrikonoxxi l-aħħar żviluppi, li jirrappreżentaw soluzzjonijiet parzjali, il-Kunsill jistieden lill-Aġenzija biex tkompli tfittex soluzzjoni legali għas-sitwazzjoni, ikkwantifikata għal EUR 543 miljun f'termini ta' esponiment finanzjarju, fil-każ li l-bini jkun vakanti għall-bqija tal-lokazzjoni.

Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet rigward il-kuntratti qafas tal-Aġenzija għas-servizzi tal-IT u ż-żidiet tal-limitu massimu għal diversi kuntratti lil hinn mil-limiti stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju. Filwaqt li jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Aġenzija, il-Kunsill jappella lill-Aġenzija biex tirrevedi l-proċeduri tagħha u timplimenta miżuri biex tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist.

ANNESS 19

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")[1] u b'mod partikolari l-Artikolu 94(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kont tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-UPPE", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-UPPE għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

1 ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UPPE hija tali li tippermetti l-għoti ta' kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Amministrattiv tal-UPPE fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA LILL-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-UPPE jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-UPPE, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-UPPE rigward l-implimentazzjoni ta' kuntratti qafas għas-servizzi tal-IT. Filwaqt li jirrikonoxxi t-tweġiba tal-UPPE, il-Kunsill jistieden lill-UPPE jikkunsidra l-osservazzjoni għal akkwisti futuri, jivvaluta aħjar il-volum ta' servizzi stmati għal profili speċifiċi u jiżgura l-koerenza bejn l-ispeċifikazzjoni tal-offerti u l-implimentazzjoni tal-kuntratti, anke bil-ħsieb li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni tal-offerenti.

Il-Kunsill jinnota wkoll li l-UPPE għadu ma adottax pjan komprensiv għall-kontinwità tal-operat. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-ħidma għadha għaddejja u li l-adozzjoni hija mistennija fl-2025, il-Kunsill jappella lill-UPPE biex jiffinalizza u japprova l-pjan, biex jiżgura li arranġamenti adegwati fis-seħħ jimmitigaw ir-riskji operazzjonali.

ANNESS 20

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1339/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (tfassil mill-ġdid)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 17(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Fondazzjoni", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjati mit-tweġibiet tal-Fondazzjoni għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

1 ĠU L 354, 31.12.2008, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1339/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Fondazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW**
**IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA**
**LILL-FONDAZZJONI EWROPEA GĦAT-TAĦRIĠ (ETF)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Fondazzjoni, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jiddispjaċih li fl-2024 il-Fondazzjoni kompliet tagħmel pagamenti assoċjati ma' proċeduri ta' akkwist meqjusa irregolari mill-Qorti fl-2022 u jappella lill-Fondazzjoni biex tapplika miżuri ta' rimedju u tiżgura konformità sħiħa tal-proċeduri ta' akkwist tagħha mar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kunsill jinnota l-prattika rikorrenti li jsiru pagamenti lil hinn mill-iskadenza legali u jistieden lill-Fondazzjoni biex tirrimedja u ttejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha.

Sabiex jiġu evitati d-dgħufijiet osservati mill-Qorti fil-proċeduri ta' akkwist, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' rekwiżiti mhux proporzjonati għall-kapaċità finanzjarja tal-offerenti, il-proċeduri irregolari ta' evalwazzjoni u għoti u l-kuntratti li jirriżultaw, il-Kunsill jappella lill-Fondazzjoni biex tapplika miżuri korrettivi u ssaħħaħ is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tagħha biex tiżgura konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju.

**ANNESS 21**

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**

**tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**

**tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol**

**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjati mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

1 ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/126/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness ma' din ir-Rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA**
**R-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA**
**LILL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ U S-SAĦĦA FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (EU-OSHA)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni.

Fir-rigward tal-ġestjoni baġitarja, il-Kunsill jieħu nota tar-rati għoljin rikorrenti ta' riporti, li rriżultaw f'22.6 % tal-approprjazzjonijiet mhux differenzjati tas-sena, bi 33.3 % taħt it-Titolu II u 43.3 % taħt it-Titolu III, riportati għall-2025. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza ta' konformità mal-prinċipju tal-annwalità, u jistieden lill-Aġenzija tieħu azzjoni ta' rimedju sabiex tipprevjeni li jerġgħu jseħħu każijiet bħal dawn u biex tiggarantixxi implimentazzjoni għaqlija tal-baġit.

ANNESS 22

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**
**tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol**
**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**
**tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol**
**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Fondazzjoni", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjati mit-tweġibiet tal-Fondazzjoni għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

---

1 ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/127/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness ma' din ir-Rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA**
**R-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA**
**LILL-FONDAZZJONI EWROPEA GĦAT-TITJIB TAL-KUNDIZZJONIJIET TAL-ĦAJJA U TAX-XOGĦOL (EUROFUND)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni.

Fir-rigward tal-ġestjoni baġitarja, il-Kunsill jieħu nota tar-rati għoljin rikorrenti ta' riporti, li rriżultaw f'15.1 % tal-approprjazzjonijiet mhux differenzjati tas-sena, 28.4 % taħt it-Titolu II u 53.2 % taħt it-Titolu III, riportati għall-2025. Filwaqt li jirrikonoxxi l-azzjonijiet tal-Fondazzjoni biex ittejjeb l-ippjanar baġitarju tagħha, il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-konformità mal-prinċipju tal-annwalità.

ANNESS 23

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Amministrattiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 63(11) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2023 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Eurojust", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjati mit-tweġibiet tal-Eurojust għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

1 ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1727/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-KOOPERAZZJONI FIL-ĠUSTIZZJA KRIMINALI (EUROJUST)

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Eurojust jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Eurojust, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jiddispjaċih li fl-2024 il-Eurojust kompliet tagħmel pagamenti assoċjati ma' proċedura ta' akkwist meqjusa irregolari mill-Qorti fl-2020 u jappella lill-Eurojust biex tapplika miżuri ta' rimedju u tiżgura konformità sħiħa tal-proċeduri ta' akkwist tagħha mar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Eurojust biex taġġorna l-pjanijiet tagħha għall-kontinwità tal-operat tal-2021, anke billi tistabbilixxi pjan ta' rkupru minn diżastri għas-sistemi tal-IT.

Il-Kunsill jinnota l-prattika rikorrenti li jsiru pagamenti lil hinn mill-iskadenza legali u jistieden lill-Eurojust biex tirrimedja u ttejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 21(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

1 ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/168/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW**
**IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA**
**LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI (FRA)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tar-rati għoljin rikorrenti ta' riporti, li rriżultaw fi 20.9 % tal-approprjazzjonijiet mhux differenzjati tas-sena, b'64.8 % taħt it-Titolu III, riportati għall-2025. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-konformità mal-prinċipju tal-annwalità u jappella lill-Aġenzija biex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha.

Il-Kunsill jinnota l-prattika rikorrenti li jsiru pagamenti lil hinn mill-iskadenza legali, li jirriżultaw f'imgħax ta' inadempjenza, u jistieden lill-Aġenzija biex tirrimedja u ttejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**

**tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**

**tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent**

**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Network Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (verżjoni kodifikata)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjati mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

1 ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/401/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

**KUMMENTI L JAKKUMPANJAW IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA LILL-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-AMBJENT (EEA)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet u dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, b'mod partikolari dawk relatati mal-implimentazzjoni ta' kuntratti ta' akkwist u r-rendikont tal-entrati. Il-Kunsill jilqa' l-azzjoni ta' rimedju li ttieħdet sa issa u jistieden lill-Aġenzija biex tkompli tirrevedi u ttejjeb il-proċeduri biex tiżgura konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kunsill jieħu nota tar-rati għoljin rikorrenti ta' riporti, li rriżultaw f'16.3 % tal-approprjazzjonijiet mhux differenzjati tas-sena, b'44.5 % taħt it-Titolu III, riportati għall-2025. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-konformità mal-prinċipju tal-annwalità u jappella lill-Aġenzija biex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha.

Il-Kunsill jinnota wkoll il-prattika rikorrenti tal-Aġenzija li tagħmel pagamenti lil hinn mill-iskadenza legali u jirrikonoxxi fl-istess ħin li ma ġie impost l-ebda imgħax ta' inadempjenza fl-2024, kif ukoll l-impenn tal-Aġenzija li tindirizza dan it-tħassib.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (kodifikat)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 45(11) tiegħu,

Wara li r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

---

1 ĠU L 83, 25.3.2019, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/473/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW**
**IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA**
**LILL-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-KONTROLL TAS-SAJD (EFCA)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u jistieden lill-Aġenzija biex ittejjeb il-proċeduri ta' akkwist tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tas-salvagwardja tal-kriterji tal-għoti tal-"aħjar valur għall-flus", kif ukoll biex tiżgura kontrolli suffiċjenti fuq id-dikjarazzjonijiet tal-esperti nazzjonali sekondati, li jirrappreżentaw dgħufija sistematika.

Il-Kunsill jieħu nota tar-rati għoljin rikorrenti ta' riporti, li rriżultaw f'22.2 % tal-approprjazzjonijiet mhux differenzjati tas-sena, b'38 % taħt it-Titolu III, riportati għall-2025. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-konformità mal-prinċipju tal-annwalità u jappella lill-Aġenzija biex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha.

ANNESS 27

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 55(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

[1] ĠU L 468, 30.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2303/oj.
[2] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
[3] ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 ma jeħtieġu l-ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

ANNESS 28

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 47(12) tiegħu,

Wara li r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

[1] ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1726/oj.
[2] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[1],

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

[1] ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

**KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW**
**IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA**
**LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAT-TMEXXIJA OPERATTIVA TA' SISTEMI TAL-IT FUQ SKALA KBIRA FL-ISPAZJU TAL-LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA (eu-LISA)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill huwa mħasseb dwar in-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti fil-proċeduri ta' akkwist tal-Aġenzija, b'mod partikolari relatati mal-istadju ta' evalwazzjoni tal-offerti, kif ukoll mar-riskji meħuda fl-għoti tal-kuntratt għal servizzi ta' monitoraġġ u manutenzjoni fir-rigward tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, u jappella lill-Aġenzija biex tirrimedja u ttejjeb il-prattiki tagħha sabiex tikkonforma bis-sħiħ mal-ġestjoni tajba u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur**
**tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta**
**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**
**tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta**
**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013, u (UE) 2016/1624[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 116(11) tiegħu,

Wara li r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

---

[1] ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj.
[2] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
[3] ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW**
**IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA**
**LILL-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-GWARDJA TAL-FRUNTIERA U TAL-KOSTA (FRONTEX)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tar-rati għoljin rikorrenti ta' riporti, li fl-2024 dehru fi 43 % tal-approprjazzjonijiet mhux differenzjati tas-sena, inkluż 43 % ta' approprjazzjonijiet taħt it-Titolu II u 58 % ta' approprjazzjonijiet taħt it-Titolu III, riportati għall-2025. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-konformità mal-prinċipju tal-annwalità u jappella lill-Aġenzija biex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha.

Il-Kunsill jinnota l-prattika rikorrenti li jsiru pagamenti lil hinn mill-iskadenza legali, li jirriżultaw f'imgħax ta' inadempjenza, u jistieden lill-Aġenzija biex tirrimedja u ttejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha, anke f'dan ir-rigward.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2015/2219 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 20(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

---

[1] ĠU L 319, 4.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2219/oj.
[2] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
[3] ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness ma' din ir-Rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA**
**R-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA**
**LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAT-TAĦRIĠ FL-INFURZAR TAL-LIĠI (CEPOL)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni.

Il-Kunsill jieħu nota tal-inċident taċ-ċibersigurtà li seħħ matul is-sena ta' rappurtar, li fixkel b'mod sinifikanti l-attivitajiet operazzjonali tal-Aġenzija, u jilqa' l-miżuri ta' mitigazzjoni diġà stabbiliti. Filwaqt li jirrikonoxxi l-impatt tal-attakki ċibernetiċi fl-eżekuzzjoni tal-pagamenti, li jikkawżaw dewmien, il-Kunsill jistieden lill-Aġenzija tieħu azzjoni ta' rimedju għall-pagamenti tard u tipprevjeni li jerġgħu jseħħu każijiet bħal dawn.

ANNESS 31

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Ir-Regolament (UE) 2023/1322 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2023 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 41(10) tiegħu,

Wara li r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

---

1 ĠU L 166, 30.06.2023, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1322/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA DWAR ID-DROGI (EUDA)

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha mill-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jiddispjaċih dwar l-irregolaritajiet identifikati mill-Qorti f'diversi proċeduri ta' akkwist, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, għal dak li jikkonċerna l-qsim tal-kuntratti, in-nuqqas ta' dokumentazzjoni u pubblikazzjoni, termini ta' referenza mhux kompluti għal kriterji essenzjali, u n-nuqqas ta' kumitat ta' evalwazzjoni jew deċiżjoni ta' għoti. Filwaqt li jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Aġenzija, il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju rigward il-proċeduri ta' akkwist u jappella lill-Aġenzija biex tirrevedi l-prattiki tagħha u tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura konformità sħiħa mar-regoli tal-akkwist.

Il-Kunsill jinnota l-prattika rikorrenti li jsiru pagamenti lil hinn mill-iskadenza legali, li jirriżultaw f'imgħax ta' inadempjenza, u jistieden lill-Aġenzija biex tirrimedja u ttejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha.

ANNESS 32

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 60(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Europol", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Europol għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

1 ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/794/oj.
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Europol hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Europol fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA R-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-INFURZAR TAL-LIĠI (EUROPOL)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Europol jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Europol, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jieħu nota tal-azzjoni ta' rimedju tal-Europol meħuda wara l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-2022 u jistieden lill-Europol tieħu miżuri sabiex tikkonforma bis-sħiħ mar-regoli interni tagħha u mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-VAT u l-pagamenti.

ANNESS 33

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Ġenerali**

**tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**

**tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom**

**għas-sena finanzjarja 2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/114/KE, Euratom tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi l-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(9) tal-Anness tagħha,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

Wara li eżamina l-kont tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2024 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2024 tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, akkumpanjati mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti[3],

[1] ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/114(1)/oj.
[2] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
[3] ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2024 ma jeħtieġu l-ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*